MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 886/2008

Sylvester Tabone
vs
Carmen Abela

Il-Qorti,

## A. RIKORS:

Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih eccepixxa:

Illi fil-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Lulju 2007 ghall-habta tal-ghaxra u kwart ta’ bil-lejl (22.15hrs) sehh incident gewwa Vjal il-Blue Grotto, Zurrieq.

Illi fil-fatt ir-rikorrent kien qieghed jaqsam l-imsemmija triq flimkien ma’ shabu meta f’daqqa wahda l-intimata, li kienet qed issuq il-vettura taghha ta’ l-ghamla Hyundai bin-numru tar-registrazzjoni JBG-374, ghaddiet b’velocita` eccessiva u darbet lir-rikorrent.

Illi l-intimata baqghet ghaddejja minghajr ma waqfet u dana *nonostante* l-fatt illi kienet taf li darbet ir-rikorrent b'mod serju.

Illi l-imsemmi incident sehh unikament minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-intimata.

Illi b'rizultat ta' l-istess incident, ir-rikorrent garrab debilita` permanenti fuq il-persuna tieghu.

Illi l-intimata giet interpellata sabiex thallas id-danni sofferti mir-rikorrent b'konsegwenza ta' dan l-incident pero` din baqghet inadempjenti u qieghedha tirrifjuta li taccetta r-risponsabbilita` ghall-imsemmi incident.

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-intimata kienet unikament risponsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju 2007, u ghad-danni kollha li b'konsegwenza ta' l-istess incident garrbet debilita` permanenti.

2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent *qua damnum emergens* u *lucrum cessans* b'konsegwenza ta' l-isetss incident, u dan okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrent dik is-somma hekk kif likwidata in linea ta' danni.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti ezebiti mir-rikorrent.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' l-intimata li biha esponiet:

1. Illi fil-mertu, fl-ewwel lok, il-konvenuta tichad kwalsiasi allegazzjoni u addebitu ta' htija u responsabilita`

ghall-incident datat il-21 ta' Lulju, 2007 menzjonat fl-att promotur;

2. Illi fil-mertu, fit-tieni lok, ghal dak li jikkoncerna l-allegazzjoni misjuba fit-tielet paragrafu tar-rikors guramentat, din hi wahda fallaci *stante* li mhux minnu li l-konvenuta malizjozament baqghet sejra minn fuq il-post;

3. Illi fil-mertu, fit-tielet lok, u dejjem minghajr pregudizzju ghal dak sueccepit, kienet esklussivament il-kondotta negligenti, traskurata u mprudenti ta' l-attur stess li tat lok ghas-sinistru lamentat;

4. Illi, u dan dejjem minghajr pregudizzju ghal dak *supra* eccepit, kwalsiasi danni allegatament subiti mill-attur ghandhom jigu debitament pruvati skond il-ligi;

5. Bir-riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokument ezebiti mill-intimata.

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' Sylvester Tabone fejn semma li hu u shabu attendew ghall-festa z-Zurrieq u fid-data msemmija wara li kienu qed jixorbu f'hanut, hargu, qasmu s-*service road* u marru biex jaqsmu Vjal il-Blue Grotto fejn sehh l-incident. Zied li Vjal il-Blue Grotto fil-fatt ghandha zewg karreggjati, wahda li taghti ghal direzzjoni tal-Blue Grotto u l-ohra li taghti ghal Hal-Kirkop. Il-karregjata li tmiss mal-bankina fejn huma kienu ser jaqsmu kienet dik li taghti ghal Blue Grotto. Ra karozza 'l boghod u hass li seta' jaqsam u meta kien kwazi f'nofs tal-karreggjata li taghti ghad-direzzjoni tal-Blue Grotto sema' lil siehbu Joseph Caruana li kien warajh jghajjatlu "Ara hemm…Ara hemm". Dar fuq ix-xellug tieghu u f'dak il-mument jaf li laqtitu karozza.

Minhabba d-daqqa kiser il-qasba ta' siequ u kellu feriti fuq geddumu, fuq wiccu, fuq dahru u fuq idejh. Dam xi ghaxart ijiem rikoverat l-isptar. Dak iz-zmien kien jahdem ma' Polidano Brothers Limited bhala *labourer*. Mar lura

ghax-xoghol wara xi hmistax (15)-il xahar izda minhabba li dana x-xoghol kien wiehed ta' strapazz ma setax ikompli. Illum jahdem bhala *Security Guard* ma' JF Security u fl-20 ta' Jannar, 2009 kien ilu xahrejn jaghmel dan ix-xoghol. Mill-FS3 ghall-2006 jirrizulta li kien jaqla' Lm3025.96 u ghall-2007 qala' Lm1920.

Gie prezentat affidavit ta' Joseph Caruana fejn semma li kien flimkien mar-rikorrent u meta waslu biex jaqsmu t-triq principali l-ewwel qasam Alan, u mbaghad Sylvester u wara kien ser jaqsam hu ghax kienu wara xulxin.  Waqt li r-rikorrent kien qieghed f'nofs il-karreggjata li taghti ghall-Blue Grotto ra minn taht il-ghajn vettura gejja bi speed qawwi u ghajjat lir-rikorrent izda l-vettura xorta laqtitu.  Il-vettura baqghet sejra ghalkemm din kienet Hyundai Getz griza, u telqet minn fuq il-post.  Ra lil Sylvester mal-art, demm ma' wiccu u ma' hwejgu.

Gie prezentat affidavit ta' Alan Bugeja li semma dwar l-incident fejn wegga' r-rikorrent meta qasmu Vjal il-Blue Grotto, Zurrieq li dak in-nhar ma kenitx qed tintuza, u *cioe`* kienet maghluqa u kienet qed tintuza min-nies bhala *bar* u kien hemm ukoll siggijiet biex l-istess nies jaraw in-nar. Hargu bejn zewg palmi u kienu sar jaqsmu t-triq principali u x'hin bdew jaqsmu ma kienx hemm karozzi tant li hu rnexxielu jaqsam.  Kien ra karozza gejja mill-boghod u meta hares lura ra lir-rikorrent fin-nofs ta' l-ewwel karreggjata, tant li ghajjatlu "ara hemm, ara hemm". Xehed li ra l-vettura gejja bi *speed* qawwi u laqtet lir-rikorrent, u laqtitu f'saqajh.  Kellu d-demm f'wiccu. Semma li kien hemm hafna nies ghax kienet il-festa taz-Zurrieq.  Jaf li siehbu r-rikorrent dam rikoverat l-isptar xi hmistax (15)-il gurnata.

Gie prezentat affidavit ta' Patrick Tabone li semma li jigu hu r-rikorrent.  Semma li ltaqa' ma' huh l-emergenza l-iSptar San Luqa.  Zied li huh ghadu jbati kawza ta' l-incident.

Xehed Mr. Joseph Briffa dwar il-feriti sofferti mir-rikorrent.

Xehed l-iSpettur Johann Fenech u rrefera ghar-rapport tal-Pulizija. Irrefera ghall-fatt li l-karozza li tajret lir-rikorrent ma kenitx fuq il-post izda wara li nvestigaw sabuha f'garaxx l-Iklin. Dr. Armatis kien infurmah li r-rikorrent kien qed ibati minn griehi gravi. Kien baghat ghall-intimata u din irrilaxxjatlu *statement*. Fl-istqarrija li rrilaxxjatlu semmiet li kienet semghet hoss mal-*windscreen* pero` baqghet sejra. Ammettiet mieghu x'kien gara izda bdiet tibza' min-nies li kien hemm u li xi hadd jattakkaha. Irrizulta li l-karozza kellha hsarat fuq il-*windscreen*, *bonnett* u *mudguard* in-naha tax-xellug jigifieri n-naha tal-passiggier.

Xehed Stephen Cachia, rapprezentant ta' l-ADT li semma li l-vettura JPG374 hija Hyundai Getz ta' kulur griz registrata fuq Carmen Abela, I.D. 423673(M).

Gew esebiti erba' (4) ritratti tal-vettura ta' l-intimata a fol 105 sa 108 li minnhom jidher il-*windscreen* imkisser, hemm daqqa fuq il-*bonnett* u *mudguard* in-naha tax-xellug.

Gie esebit l-Avviz Legali 331/2006 ta' l-Att Dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, Kap 452 – Ordni ta' Standard Nazzjonali ta' l-2006 Dwar l-Inqas Paga Nazzjonali li ssemmi li ta' eta` 18-il sena u fuqqhom LM69.53, 17-il sena Lm56.72, taht is-17-il sena Lm55.50.

Rat li fis-26 ta' Ottubru, 2010 gew nominati Mr. Charles Grixti u Mr. Charles Swain bhala esperti medici.

Xehed Mr. Ray Gatt li kkonferma d-dizabilita` ta' 14%.

Xehed P.C. 122 Arthur Borg li kkonferma r-ritratti a fol 105 sa 108.

Rat is-sentenza tat-2 ta' Frar, 2011 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Magistrat Dr. Edwina Grima) fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Johann J. Fenech) vs Carmen Abela** I.D. 423673(M) riferibbli ghal imputazzjoni relattiva ghall-incident *de quo*. Fl-imsemmija sentenza jinghad:

“Illi minn ezami tal-provi jirrizultaw zewg fatturi inkonfutabbli:

1. Illi l-imputata ma kenitx qed izomm *proper lookout* fil-mument li sehh l-incident. Jidher illi fit-triq kien hemm certu konfuzjoni minhabba li kien hemm il-festa u kien hemm hafna nies jippassiggjaw fit-triq u cioe` fit-trajjetorja tal-vetturi. Kien jirrikjedi ghalhekk f’sitwazzjoni partikolari bhal din illi s-sewwieq isuq b’diligenza u attenzjoni aktar minn normal u dana peress illi kien hemm diversi utenti ohra fit-triq. L-imputata ghalhekk kellha issuq iktar bil-mod mis-soltu u mhux bi speed normali u tesplora kull rokna tat-triq waqt is-sewqan – min-naha ‘l wahda ghan-naha l-ohra.

2. Illi min-naha tal-parti leza, ghalkemm dina ma kenitx gurnata bhall-ohrajn fejn in-nies solitament ma jazzardawx jirfsu fuq dina t-triq u jintentaw jaqsmu biss mill-post allokat ghalihom bhall-*pedestrian crossing*, huwa ghalhekk ried joqghod attent qabel ma jiddeciedi jaqsam it-triq. Jidher illi Tabone minhabba l-fatt li kien hemm diversi nies mexjin fit-triq u peress illi kien ghadu kemm qasam siehbu qablu qabad u qasam warajh ghalkemm jghid illi huwa ra vettura gejja mill-boghod. Fil-fatt anke il-kuntistabbli Farrugia li kien miexi warajh f’dak il-mument jghid illi osserva lil Tabone hiereg ‘il barra lejn nofs it-triq.”

Il-Qorti ghalkemm ovvjament zammet id-distinzjoni bejn provi ta’ natura kriminali ghal dawk ta’ natura civili, ezaminat is-sentenza msemmija u peress li thoss li hi ta’ livell gholi sejra tikkwota parti sostanzjali minnha fejn inghad:
“Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali (sede inferjuri per. Imhallef J.Galea Debono) fl-ismijiet Il-Pulizija vs Robert Brincat deciza fit-22 ta’ Novembru 2007 il-Qorti tkellmet kemm dwar ir-responsabbilta’ tas-sewwieq kif ukoll dwar l-obbligi tal-pedestrian meta huwa jigi biex jaqsam it-triq u stqarret:

***“"Driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut***

***responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment**."* (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud"** [26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859).

Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li :-

***"Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu wkoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjoini ta' emergenza subitanea minnhabba fih , dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian ."*** (App.Krim. "**Il-Pulizija vs. Alfred Caruana"** [14.5.1955]; Kollez.Vol. XXXIX, p.iv p.1031).

***"Huwa veru li anki l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali imma biex id-driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tirrikori l-kolpa tal-awtista li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita' perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali w jirregolaw il-velocita' taghhom b' margini sufficienti ta' sikurezza."*** (App.Krim. **"Il-Pulizija vs. George Muscat"** [6.5.1961] Kollez. Vol. XLV p.iv. 947)

Gie ukoll ritenut li "***ghalkemm il-pedestrian ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu ukoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam.." "Jekk il-pedestrian ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-driver tal-car milli juza dak il-grad ta' 'reasonable care' li tinhtieg. Dana kollu jinghad dejjem sakemm ma tkunx giet mill-pedestrian krejata lid-driver, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragionevolment possibbli, azzjoni tempestiva evaziva."*** (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J. Formosa"** Kollez. XLIII, p.iv. p.1023). F' sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha ; eg. "***meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat"*** (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J. Thornton"** Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza. (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Cassar Desain**" Kollez. Vol.XLVI . p.iv. p.765)."

Il-Qorti ghaddiet ukoll biex elenkat liema huma dawk is-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghall-investiment ta' pedestrian. Il-Qorti kompliet:

"**Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet**

a**) "*che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;***

***b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;***

***c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."*”**

Il-Qorti kompliet tghid:

“Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li ***“Hu dover ta’ “driver to see what is in plain view”.*** (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Vella"** - [10.8.1963] )
u li ***“min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm “a proper lookout”*** (Appell Kriminali : **“Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"** [17.6.1961] ). ***"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."*** ("**Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd."** [1968].

Illi mbaghad, anki kieku l-pedestrian forsi ma esploratx sew it-triq qabel kompliet taqsam,” (f’dana il-kaz il-vittma kienet mara) “**dan ma jezonerax lis-sewwieq mill-obbligi tieghu. Dan ghaliex …. f’ sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche’ dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal xi tort da parti tal-pedestrian f' dan il-kaz.** (Ara Appelli Kriminali: **“Il-Pulizija vs.Gaetano Schembri”** [16.3.1961]; **“Il-Pulizija vs. John Polidano**“[3.11.1963]**“Il-Pulizija vs.Rev.C.Mifsud”** (Kollez. Vol. XXXVIII; iv. p.1131) u ohrajn.). Fi kliem iehor, il-***“contributory negligence*”** ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (App.Krim.” **Il-Pulizija vs P.Vassallo”,** [Kollez.Vol.XXXVII,iv.p.883]).

Imbaghad jekk stess kien hemm xi negligenza kontributorja da parti tal-pedestrian, dan seta' biss, ghal massimu, serva ghall-attenwazzjoni fil-piena u xejn aktar."

Illi kif gie gustament ritenut f'sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f'sentenza moghtija fil-21 ta' Mejju 1960 fl-ismijiet il-Pulizija vs Anthony Spiteri: **"Driver ta' karozza ghandu inegabbilment, fost ohrajn, zewg doveri: wiehed, dak li jzomm a *proper lookout* ghall-vejikoli, *pedestrians*, u *road-users* ohra; l-iehor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'posizzjoni tali li jkollu f'kull hin kontroll sewwa tal-vejikolu." Il-Qorti osservat "ma ghandux jintesa illi l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' <u>disattenzjoni ta' *split second* u l-kontingenzi tat-traffiku jistghu jkunu subitanei u inaspettati</u>. (sottolinjar ta-Qorti). Dan hu certament sewqan negligenti; u ma jistax biex jeskludih il-fatt illi it-triq kienet wiesgha u illi traffiku iehor ma kienx hemm fit-triq, u cirkostanzi ohra tal-mument. … ghal sewqan negligenti ma hemmx bzonn tal-vjolazzjoni ta' normi guridici specifici, imma bizzejjed li jkun hemm negligenza, fis-sens ta' nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali."**

Illi maghdud dana kollu ghalhekk, l-Qorti hija tal-fehma illi ghalkemm is-sewqan ta'l-imputata certament ma jistax jitqies bhala xi sewqan perikoluz, madanakollu l-Qorti tqis illi l-imputata kienet negligenti fis-sewqan taghha u saqet b'nuqqas ta' kont meta ma zammitx dik il-***proper lookout*** rikjesta mil-ligi u dana ghaliex ghalkemm seta kien hemm xi ftit konfuzjoni f'dik it-triq peress illi kienet il-jum tal-festa u kien hemm hafna nies jippasseggjaw fit-triq u karozzi ipparkeggjati ma' kull naha tat-triq, madanakollu dawn il-fatturi wahedhom messhom wasslu lill-imputata sabiex toqghod iktar attenta ghal dak li kien qed jigri madwarha. Ma jirrizultax illi dana ghamlitu ghaliex sahanisitra tghid illi laqtet lil Tabone u lanqas biss indunat. Haga li dina l-Qorti ma tistax tifhem kif setgha jsehh tenut kont tal-hsarat estensivi li kellha l-imputata fil-vettura taghha fejn sahansitra tkissret il-windscreen tal-vettura mad-daqqa.

Illi maghdud dana kollu, l-Qorti tistqarr illi f'dana l-incident kien hemm in-negligenza kontributorja tal-vittma wkoll. Illi Tabone kien qieghed miexi fit-triq u cioe' kien qieghed jinvadi il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni ta' Hal Luqa lejn iz-Zurrieq. Illi huwa kien ser jaqsam dina it-triq traffikuza f'gurnata meta kif diga inghad kien hemm moviment fiha iktar mis-soltu kemm ta' nies kif ukoll ta' vetturi u messu qaghad iktar attent meta gie biex jaqsam it-triq u mhux qabad u qasam wara siehbu minghajr ma waqaf sabiex jesplora it-traffiku li dak il-hin kien ghaddej mit-triq tant illi hekk kif qasam sab il-vettura ta'l-imputata ma' wiccu. Il-Qorti issibha difficli temmen kif f'sitwazzjoni bhal dina l-imputata setghet kienet qed issuq b'velocita eccessiva, ghalkemm temmen illi ghal dina il-gurnata partikolari s-sewqan ta'l-imputata messu kien iktar prudenti u b'velocita' iktar baxxa.

Illi huwa fatt stabbilit fil-ligi penali illi in-negligenza kontributorja tal-vittma ma tezonerax lis-sewwieq mir-responsabbilta' kriminali. Illi fis-sentenza "Il-Pulizija vs David Rigglesford, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fil-31 ta' Mejju 2005 gie deciz "***It is the duty of any driver of a vehicle on land – and equally of the person steering any kind of sea craft – to see what is in plain view" (Criminal Appeal: The Police vs Joseph Vella 10.08.1963) and if a person fails to see what should have been clearly visible, it means that he was not keeping a proper lookout (Criminal Appeal: The Police vs J.M. Laferla 17.06.1961)*".**

Aktar il-quddiem fl-istess sentenza l-Qorti tistqarr is-segwenti ghar-rigward tal-kuncett tan-negligenza kontributorja fil-kamp penali: ***"In criminal proceedings the contributory negligence of the victim does not absolve the person causing the damage, bodily harm or death from criminal responsibility unless it is the only cause of that accident. However it may be taken into account for the purpose of punishment*".**

Illi ghalhekk meta tigi biex tikkonsidra il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi l-vittma f'dana l-incident ikkontribwixxa ghas-sinistru bin-

nuqqas ta’ attenzjoni tieghu. Illi inoltre, kif diga inghad, mill-atti processwali ghalkemm is-sewqan ta’l-imputat jista jigi ikkunsidrat bhala traskurat, u bla kont, izda ma jidhirx illi l-imputata kienet qed issuq b’mod perikoluz u ghalhekk il-Qorti mhijiex ser tghaddi sabiex tiskwalifika il-licenzja tas-sewqan ta’ l-istess imputata.”

Rat ir-rapport tal-kirurgi Mr. Charles Swain u Mr. Charles Grixti. Mr Grixti kkonkluda:
“<u>Konkluzjoni:</u>

Is-Sur Tabone sofra ksur fil-qasba tas-sieq ix-xellugija kif ukoll ticrit f’geddumu, fil-minkeb u f’daharu kagun ta’ l-*accident* li kellu fil-21 ta’ Lulju 2007. Kagun ta’ dan l-*accident* il-ksur ghaqad b’kurva *antero-laterali* li hallietu bis-sieq ix-xellugija iqsar minn dik il-leminija b’1.5cm. Kagun tal-kurva li ghandu fil-qasba tas-sieq il-piz fuq l-irkoppa x-xellugija ser ikun iktar koncentrat fuq in-naha ta’ gewwa u n-naha ta’ wara ta’ l-irkobba. Dan jista’ maz-zmien jikkaguna hsara lil qarquca u eventwalment Tabone jista’ jizviluppa *artrite* qabel iz-zmien f’din l-irkobba.

Meta dan isehh ikun limitat fil-mixja tieghu kif ukoll biex jitla’ u jinzel it-tarag u jkollu l-ugiegh.
Il-fatt li s-sieq ix-xellugija hija iqsar mil-leminija b’1.5cm jista’ jistrapazza d-dahar u ’l quddiem ikun kagun ta’ ugiegh fid-dahar.

Mil-lat ortopediku jiena nistma d-dizabilita’ li qed isofri Tabone kagun ta’ l-*accident* li kellu ta’ 15% (hmistax fil-mija).”

Mr. Swain ikkonkluda:
“Tliet snin u nofs wara l-incident, ic-cikatrici li jirrizultaw mill-korriment tas-Sur Tabone mmaturaw sew u ftit ghadhom jidhru.

Ma jidhirx li hu jsofri minn ilmenti psikologici li s-soltu wiehed jassocja ma’ sfregju.

Ghaldaqstant nikkunsidra d-dizabilita` permanenti, mill-aspett estetiku, hi ta' 2.0% (tnejn fil-mija) tal-persuna shiha."

Ghalhekk iz-zewg esperti kkonkludew:
"Id-dizabilita' totali u permanenti li qed isofri minnha Sylvester Tabone kagun tal-*accident* li kellu fil-21 ta' Lulju 2007 jammonta ghal 17% (sbatax fil-mija).

Xehedet l-intimata Carmen Abela u qalet li fil-21 ta' Lulju ghall-habta ta' l-10.00 kienet qed issuq il-karozza taghha Hyundai Getz fi triq li taghti ghal Blue Grotto, Zurrieq. Semmiet li kien hemm in-nies fit-triq ghax kienet il-festa u karozzi quddiemha. Semmiet li kien hemm karozzi ohra quddiemha u x'hin ezatt ta' quddiemha qalghet, hi ghamlet l-istess u hasset qisu daqqa mal-karozza. Dak il-hin ippanikjat u baqghet sejra. Bezghet li jaghmlu ghaliha n-nies. Semmiet li kien hemm *zebra crossing* qabel il-post fejn gara l-incident.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***D1. Fatti fil-qosor:***
Illi l-proceduri *de quo* jirrigwardaw l-aspett principali tar-responsabilità ghall-incident stradali li sehh fil-21 ta' Lulju, 2007 gewwa Vjal il-Blue Grotto, Zurrieq u, jekk tigi stabbilita xi htija, l-istadju sussegwenti tal-valutazzjoni tal-*quantum* ta' danni u l-eventwali likwidazzjoni ta' l-istess, senjatament ghal dak li jirrigwarda danni emergenti u danni cessanti allegatament sofferti mir-rikorrent. Illi, l-incident in kwistjoni sehh ghall-habta tal-ghaxra u kwart ta' bil-lejl (22.15hrs), nhar il-21 ta' Lulju 2007, gewwa Vjal il-Blue Grotto, Zurrieq. L-intimata kienet qed issuq il-vettura taghha Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni JBG 374, meta laqtet lir-rikorrent, li kien qed jaqsam l-imsemmija triq.

***D2. Responsabbilta` ghall-incident:***
Din il-Qorti tirreferi ghal dak li semmiet il-Qorti tal-Magistrati fuq imsemmija dwar l-obbligi tad-*driver* u *pedestrian*. Izzid ma' dan, dak li qalet din il-Qorti kif

presjeduta fil-kawza deciza fl-10 ta' Mejju, 2005 fl-ismijiet **Ransley vs Restall**:

***"2. Obbligi tal-Pedestrian***

Dwar il-*pedestrian* jinghad li dan ghandu juza l-massimu prudenza meta jigi biex jaqsam triq. L-artikoli 20 u 21 tal-*Highway Code* jghidu hekk:

"20. *Always use subways, footbridges, pedestrian crossings or central refuges, where provided. Otherwise, cross the road where you have a clear view of the road both ways*.

21. *Before you cross, stop at the kerb, look right, look left, and look right again. Do not cross before the road is clear*."

Il-*pedestrian* suppost li jara vettura gejja ghax din ma taqax mis-sema. Ukoll fattur indikattiv dwar tort ta' *pedestrian* huwa meta jkun ghadu kif nizel il-bankina ghax jekk ikun kwazi qasam it-triq allura id-driver ikun kellu possibilta' kbira li jilhaq jarah. Li persuna tintlaqat vicin tal-bankina minn fejn tibda taqsam, hija indikattiva ta' distanza ravvicinata hafna ghall-karozza li ttajjarha. Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fl-ismijiet **Micallef George *nomine* vs Camenzuli Gordon** deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997]...

*3. Obbligi tas-sewwieq*

Is-sewwieq ghandu jipprova jiehu azzjoni evasiva biex jevita li jolqot lill-Pedestrian u dan specjalment jekk ma jkunx qieghed isuq b'velocita` eccessiva. Apparti mill-azzjoni evasiva biex ma jolqotx il-pedestrian, normalment is-sewwieq jiehu azzjoni reattiva – u cioe` jaghfas il-brake meta jirrejalizza bil-presenza ta' persuna ohra quddiemu. Ghandu l-obbligu li jkollu dwal biz-zejjed, u aktar ma hemm vizwali limitata ghandu aktar ikollu velocita` moderata hafna. L-istess jinghad jekk it-triq ikollha kunfigurazzjoni li tillimita l-vizwali. Irid ma jeccedix il-massimu permess mill-ligi dwar velocita` u dan l-obbligu jizdied jekk ikun qieghed isuq vicin ta' xi skola, knisja, jew playing field. [Ara f'dan is-sens **George Micallef *pro et noe* v Gordon Camenzuli** deciza 7 ta' Ottubru, 1997 mill-Onor. Qorti tal-Appell Civili Superjuri.]"

Ukoll il-Qorti tirreferi ghad-decizjoni fl-ismijiet **Pulizija vs J. Formosa** (Appell Kriminali XL111, 1023) fejn inghad:
"Ghalkemm il-*pedestrian* ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu ukoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam. Jekk il-*pedestrian* ikun negligenti, pero` dan ma jassolvix lid-driver tal-*car* milli juza dak il-grad ta' "*reasonable care*" li tinhtieg. Dana kollu jinghad, dejjem sakemm ma tkunx giet krejata mill-*pedestrian* lid-*driver*, bl-imprudenza tieghu emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragjonevolment possibli, azzjoni evaziva tempestiva."

Dwar il-principju tal-*proper look out* il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Mary Bonello *noe et* vs Sylvia Fsadni**, Appell Civili deciz fil-11 ta' Marzu, 1998 [Cit. Nru.: 1168/83] fejn intqal:
"Ghandu jinghad li anke l-*pedestrian* ghandu doveri […] Fil-*Highway code* jinghad lill-pedestrians: '*Before crossing the road look right and left and satisfy yourself that it is safe to cross. Look out for approaching traffic and take its speed into account. Cross the road as directly as possible. When stepping off a foothpath look towards oncoming traffic. Do not make a sudden dash into the carriageway*."

Inoltre l-Qorti thoss li fil-kaz in ezami l-verzjoni ta' l-intimata in konnessjoni mal-i*speed* li kienet ghaddejja bih fil-hin ta' l-impatt mar-rikorrent huwa inverosimili ghall-ahhar. Fil-fatt l-intimata tghid illi hi kienet ghada kif taqla' minn posizzjoni wiefqa qabel ma sehh l-impatt. Fil-fatt ir-rikorrent u x-xhieda tieghu sostnew li l-karozza kienet gejja mill-boghod (tul ta' xi sitt karozzi 'l boghod) u kienet ghaddejja b'certu *speed*. Il-konsegwenza ta' l-impatt fuq il-vettura ta' l-intimata hija prova cara li l-initmata kienet ghaddejja bi speed qawwi. Il-karozza spiccat b'diversi hsarat fil-*windscreen* (li kien mifqugh), fil-*mudguard* u fil-*bumper* tan-naha tal-passiggier (ara ritratti Dok AB1 sa AB4).

L-incident sehh fi Triq il-Blue Grotto, Zurrieq u dan fil-granet tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu u ghalhekk it-toroq, avolja kienu miftuha ghat-traffiku kienu ffullati bin-nies. Gara li Alan Bugeja kien l-ewwel wiehed li qasam it-triq li fih hemm zewg karreggjati b'*centre strip* fin-nofs. Malli wasal f'nofs l-ewwel karreggjata, Bugeja lemah karozza gejja mill-boghod. Meta wasal fuq is-*centre strip* huwa hares warajh u ra lir-rikorrent kien diga wasal f'nofs l-ewwel karreggjata u ntlaqghat mill-intimata permezz tal-karozza taghha. Dan iwassal ghall-konkluzjoni lil-intimata ma kenitx qed izzomm *proper lookout* fil-mument li sehh l-incident.

Min-naha l-ohra l-intimata fis-seduta tat-28 ta' Marzu, 2012 xehdet:
"… fil-gnub tas-*service road* kien hemm il-karozzi pparkjati. Fil-*main road* kien hemm il-karozzi mal-genb tat-triq… "

Dan iwassal ghall-kostatazzjoni li r-rikorrent hareg minn bejn il-karozzi pparkjati u qieghed lil Carmen Abela f'posizzjoni li anke bl-uzu tal-oghla livell ta' diligenza, ma setghetx tevita l-incident. B'hekk ir-rikorrent holoq emergenza subitanea imprevedibbli li rrendiet impossibli, jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni tempestiva evaziva. (**Joseph Urpani vs Giancinto Bartolo**, 28 ta' Mejju, 2003). Bil-kondotta tieghu r-rikorrent holoq emergenza subitaneja lill-intimata, li kienet wahda imprevedibbli u inevitabbli ghaliha f'dawk ic-cirkostanzi partikolari.

Illi wara li l-Qorti ezaminat bir-reqqa d-depozizzjonijiet moghtija, affidavits u dokumenti esebiti, wara li evalwat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u qieset id-dettami tal-ligi u gurisprudenza relevanti, thoss li r-responsabbilta` principali hija ta' l-intimata, izda li r-rikorrent ikkontribwixxa ghall-incident in ezami b'mod li talloka r-responsabbilta` tar-rikorrenti fi 25% u dik ta' l-intimata f'75%.

***<u>D3. Lucrum cessans:</u>***
L-Artikolu 1045(1) tal-Kodici Civili [Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta] jistipula kif ghandhom jitqiesu d-danni:

“Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta’ qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta’ qligh li tbati ’l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta’ jgib.”

Ghalhekk il-Qorti ghandha l-obbligu li tezamina t-telf ta’ qligh futur minhabba l-inkapacita`, it-telf ta’ paga jew qligh iehor attwali li jinkorri fih id-danneggjat; u dak it-telf ta’ qligh futur, ossia *lucrum cessans,* li d-danneggjat ikun prekluz li juzufruwixxi minnu minhabba l-event sinistru kawza ta’ l-eghmil dirett tad-danneggjant.

***<u>D4. Multiplier:</u>***

Fis-sentenza ta’ din il-Qorti kif presjeduta tal-10 ta’ Mejju, 2005 fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley vs Edward u Lydia konjugi Restall** - Citazz. Nru.: 154/02FS inghad:

“Hawnhekk ghandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta’ likwidazzjoni tad-danni kien ghal zmien twil ibbazat fuq il-principji enuncjati fil-kawza **Butler vs Heard** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta’ Dicembru, 1967. F’dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c-"*chances and changes of life*", b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneggjata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta' tal-pensjoni.

Izda l-figura uzata ghall-iskop tal-*Multiplier* mhux dejjem inghatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem gew uzati l-istess principji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza **Lambert vs Buttigieg** deciza fit-18 ta’ April, 1963 kienet qalet:

"f'din il-materja ta' *lucrum cessans* il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn

mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat."

Fil-kawza fl-ismijiet **Darren Sammut vs Eric Zammit** deciza mill-Onor. Qorti ta’ l-Appell Civili Superjuri fit-3 ta’ Dicembru, 2004 intqal:
“Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-‘*multiplier*’ adottat mill-Qorti ta’ l-ewwel grad huwa pjuttost eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikata f’kawzi ghar-rizarciment ta’ danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi applikat ghal fini tal-‘*multiplier*’ u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b’mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti *in toto*. Izda fir-rigward ta’ telf ta’ qligh li dik il-persuna tbati ’l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, is-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li “Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b’mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta’ inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta’ ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta’ ‘**Buttler vs Heard**’ – b’dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa’ tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal-telf futur – dawk li fil-gergo huma maghrufa bhala ‘*lucrum cessans*’ - jipprova jimprimi sens ta’ gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu.”

Il-*multiplier* adoperat varja u kien ta’ 5 snin fil-kaz ta’ persuna ta’ 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004, ta’ 15 fil-kaz ta’ persuna ta’ 22 sena **Butler vs Heard** App Civ Sup 22-Dec-1967, 15-il sena fuq persuna ta’ 24 **Gauci vs Xuereb** PA 29-Ott-1970, ta’ 18 fuq persuna ta’ 28 sena **Camilleri vs Polidano** PA 1-Ott-1982, ta’ 18 fil-kaz ta’ persuna ta’ 42 **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999, ta’ 20 fil-kaz ta’ persuna ta’ 34 sena **Bugeja vs Agius** App Civ Sup 26-Lul-1991, ta’ 20 fil-kaz ta’ persuna ta’ 33 sena **Dalmas vs Ghigo** App Civ Sup 5-Frar-1980, ta’ 25 fil-kaz ta’ persuna ta’ 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004, ta’ 26 fil-kaz ta’ persuna ta’ 35 sena **Seisun vs Brincat** PA 29-Ott-1998, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 17 **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 26 **Grima vs Penza** PA 30-Gun-2004, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 23 sena **Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005, ta’ 35 fil-kaz ta’ persuna ta’ 18 sena **Sammut vs Zammit** App Civ Sup 3-Dic-2004, ta’ 36 fil-kaz ta’ persuna ta’ 20 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004.

Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta’ *Multiplier*. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta’ *multiplier* kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita` taghha [ara **Bugeja vs Agius** fuq imsemmija].

Il-Qorti thoss li hemm bzonn ta’ certu uniformita` f’dan l-aspett li naturalment jghin biex wiehed ikun jaf minn qabel kriterji regolari. Huwa veru li kull kaz trid tarah ghalih izda li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta’ *insurance* ikunu jistghu jirreferu ghaliha tkun ta’ utilita` kbira. Ghalhekk il-Qorti kif presjeduta sejra tuza c-*chart* hawn taht:

| **Eta' Vittma** | ***Multiplier*** |
|---|---|
| | Massimu |
| 0 - 15 | 35 |
| 16 - 20 | 33 |
| 21 - 25 | 30 |
| 26 - 30 | 27 |

| | |
|---|---|
| 31 - 35 | 22 |
| 36 - 40 | 18 |
| 41 - 45 | 14 |
| 46 - 50 | 11 |
| 51 - 55 | 8 |
| 56 + | 6 |

Wara li l-Qorti qieset dawn il-fatturi, inkluz l-eta` tar-rikorrenti meta sar l-incident – 18 tqis li ghandha tadopera *multiplier* ta' 33 ghall-kaz in ezami.

***D5. Paga u gholi tal-hajja:***

Spiss li l-Qrati uzaw il-paga minima fejn ma kienx facli li l-Qorti tasal biex tistabbilixxi xi figura ohra. Izda fil-kaz in ezami ghandna r-rikorrent kien qed jaqla' salarju *gross average* ta' €7466.29 riferibbli ghas-sena bazi 2008. Normalment il-paga minima nazzjonali titla' b'€303.78 kull sena. Dan ifisser li kull sena l-paga kienet ser tizdied b'€303.78 ghal 33-il sena [u jekk wiehed jiehu l-medja, dan ifisser il-medja tas-salarju fid-data ta' l-incident (€7466.29) u dak tal-ahhar salarju (€10024.74 + €7466.29 = €17491.03) ossia €7466.29 + €10024.74 /2 = €12,478.56] u <u>jwassal ghal €12,478.56</u>

***D6. Dizabilita`:***

Hawnhekk il-Qorti trid tqis il-persentagg ta' dizabilita` li ssofri l-vittma bhala konsegwenza ta' l-incident, b'mod li tqis in-nuqqas fl-*individual industrial efficiency* ta' l-attur. Infatti, kif gie ritenut f'**Butler vs Heard**:

"Dak li jrid jigi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapacita` f'sens purament mediku, izda l-effett li l-hsara personali ghandha fuq il-qligh tad-danneggjat. Ir-riduzzjoni effettiva tal-qligh tista' ma tikkorrispondix mal-grad ta' menomazzjoni fizika tad-danneggjat kalkolat mit-tabib."

Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza fl-ismijiet **Joseph Abela vs Martin Spagnol**, deciza fit-30 ta' Marzu 1993 (1098/89JSP) per Imhallef J. Said Pullicino; u **Xuereb vs Spalding *et***, deciza mill-Prim'Awla, Imhallef J. R. Micallef, fl-10 ta' Lulju 2003, Citazz. Nru. 1857/01JRM, pagna 8 *et*;

u tezi "*Quantum of damages in Injury Claims*", Carmel A. Agius – *The method of assessing the degree of the incapacity caused*, pagna 125.

Kif inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Jannar 1973 fil-kawza **Borg *pro et noe* vs Muscat**:
"l-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga' tpoggi lil min ikun soffrihom fil-posizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn"

U ghalhekk il-principju applikabbli huwa *restitutio in integrum*.

Fil-kawza fl-ismijiet **Paul Debono vs Malta Drydocks** (Cit. Nru. 747/96PS), deciza fis-27 ta' April 2005 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Philip Sciberras, inghad:
"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati c-cirkustanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' linkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti danneggjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja. Innegabilment, pero`, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuza, kif hekk jirrizulta minn semplici raffront tad-diversi decizjonijiet in materja."

Issa, hu car ukoll li a bazi tal-ligi taghna kwantifikazzjoni tad-danni bil-fors tibqa' f'latudini wiesgha u diskrezzjonali tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm jezistu principji dawn certament ma humiex assoluti (ara f'dan is-sens **Bottone vs Saliba** pagna 9; u **Joseph Borg vs Dr. Arturo Valenzia *nomine***, Prim'Awla, 9 ta' Gunju 1972; u **Bugeja vs Borg**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 11 ta' Mejju 1983).

It-**Torrente** fil-ktieb tieghu *Manuale di Diritto Privato*, 11 Ed. pag. 652 jikteb:

"*la valutazione del danno puo` essere particolarmente laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E` giusto, pertanto, che al giudice sia attribuito in materia in quando le parti non riescano a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo*";

*Personal injuries* huma normalment klassifikati fi tliet kategoriji u cioe` :
a) *total wreck cases* fejn tirrizulta inkapacita` kompleta ghax-xoghol (eg. *severe brain injury*),
b) *partial wreck cases* fejn il-persuna kollha tkun affettwata izda b'differenza mill-kategorija precedenti tibqa' l-kapacita` li tahdem u tgawdi l-hajja (eg. *brain injuries resulting in personality change and multiple injuries with grave disfigurement*),
c) telf ta' partijiet specifici tal-gisem.

Inoltre kif intqal fis-sentenza **Peter Sultana vs Anthony Abela Caruana**, Appell Civili, 15 ta' Jannar 2002:
"Ma hemmx ghalfejn jinghad li d-debilita` permanenti ma kienx necessarju li tkun wahda fizika li timmenoma persuna fil-possibiltajiet tieghu ta' xoghol minhabba limitazzjoni fil-funzjoni ta' xi organu. Setghet ukoll tkun debilita` psikika li timmanifesta ruhha f'kundizzjoni li negattivament tinfluwenza l-kapacita` ghax-xoghol ta' l-individwu... "

Principju iehor ta' importanza kardinali hu dak li hareg minn dak fuq kwotat f'**Butler vs Heard** fejn inghad:
"izda l-effett li l-hsara personali ghandha fuq il-qligh tad-danneggjat."

Huwa logiku li telf ta' subgha ghal persuna normali huwa kaz differenti minn telf tieghu ghal pjanista; bl-istess mod, telf ta' ghajnejn ghal pilota huwa aktar serju ghal skop ta' *lucrum cessans* minn telf f'kaz ta' persuna normali.

Aspett iehor importanti hija l-komputazzjoni f'kaz ta' *multiple injuries* u s-sistema li jintuza biex jinhadem.

Lord Justice Morris, fil-kawza **Scott vs Musial**, stqarr:

"*The fixation of damages is so largely a matter of opinion or of impression that differences of calculation or assessment are to be expected. There is to some extent an exercise of judicial discretion*."

L-awtur **Munkman** fil-ktieb tieghu *Damages for personal injuries and Death* jispecifika li:
"*One method of assessment is to consider the sort of figure awarded for total incapacity, and estimate how far the case falls short of total incapacity; another approach is to see how the disability compares with the loss of a leg or other limb*."

Fil-kawza deciza minn din il-Qorti, per Imhallef G. Valenzia fit-30 ta' April 2001, fl-ismijiet **Joseph Bartolo *et* vs George Zammit**, il-Qorti ghaddet id-dizabililta` relativa ghan-nuqqas ta' toghma u xamm (20%), *post concussional syndrome* (5%), possibbilta` epilepsija (9%), telf ta' vista (12%) u *disfigurement* (2%), total ta' 48%. Fis-sentenza **Saviour Sammut *et* vs Robert Demanuele**, 326/98GV deciza fit-12 ta' Lulju 2002 per Imhallef G. Valenzia, il-Qorti wkoll ghaddet flimkien it-18% riferibbli ghall-ksur fin-naha tal-lemin tal-*pelvis* mal-20% tan-nuqqas fil-vista u waslet li t-38% jirrapprezenta grad ta' inkapacita` li jirrispekkja telf ta' indipendenza konsegwenti ghal danni li l-attrici sofriet fil-vista u f'riglejha.

Fis-sentenza **Paul Bottone *et noe* vs Rita Saliba *et***, deciza fis-7 ta' Jannar 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, Imhallef Ray Pace, f'pagna 15 inghad:
"Illi l-kwistjoni li jifdal hija jekk dawn iz-zewg persentaggi ta' dizabilita` fizika (8%) u dik psikologika (21.42%) ghandhox jinghaddu flimkien biex jirrizulta persentagg wiehed jew jekk jittehidx *average*. Din il-Qorti taghzel li ma tghoddx iz-zewg persentaggi flimkien imma li taghti persentagg wiehed li jikkomprendi t-tnejn u fil-kaz odjern thoss li l-persentagg ta' dizabilita` permanenti ghandu jkun ta' 25%."

Fil-kawza fl-ismijiet **Xuereb vs Spalding *et***, deciza mill-Prim'Awla, Imhallef J. R. Micallef, fl-10 ta' Lulju 2003,

Citazz. Nru. 1857/01JRM, il-percentwali ta’ dizabilita` stabbilit mill-Qorti kien dak *weighted* f’percentwali globali.

Fil-kawza fl-ismijiet **Maria Debono vs Andrew Vaswani**, Citazz. Nru. 48/94, deciza fit-3 ta’ Ottubru 2003 mill-Qorti Civili Prim’Awla, per Imhallef Philip Sciberras, fir-relazzjoni peritali kien intqal li l-persentagg ta’ dizabilita` ta’ 18% ta’ snien jew xedaq kien gie assommat ma’ dak ta’ l-24% ghal griehi fil-wicc skond l-espert dentali u b’hekk lahhaq 43%. Hawn il-Qorti f’pagna 8 qalet:
“Sewwa irrilevat l-attrici fin-Nota responsiva ta’ sottomissjonijiet taghha (fol. 83) illi z-zewg esperti ma ghamlu l-ebda “*overlapping*” billi l-wiehed (Dr. Zammit Maempel) “eskluda kwalunkwe konsiderazzjoni ta’ snien jew xedaq” fl-evalwazzjoni tieghu, mentri l-iehor (Prof. Portelli) attribwixxa percentwali ta’ dizabilita` “li jkopri biss il-wicc;””

Ghalhekk jidher li minhabba diskezzjoni mhollija f’idejn il-gudikanti, diversi qrati u awtoritajiet taw sistemi diversi ta’ kif jinhadem il-valur kombinat meta l-vittma tbati minn diversi persentaggi ta’ dizabilita` relativi ghal diversi *injuries* jew *impairment ratings*.

Il-Qorti trid tezamina l-aspett ta' *Lucrum Cessans* u *Combined Values* meta tigi biex tistabbilixxi l-persentagg ta’ dizabilita` totali ta' persuna jekk bhala kawza ta’ l-incident ikunu irrizultaw diversi *injuries* (*impairment ratings*). Infatti wara li jgu stabbiliti l-*impairment ratings* ghall-kundizzjonijiet kollha kawza ta’ l-incident, fil-fehma tal-Qorti kif presjeduta ma tasalx ghal percentagg ta’ disabilita` billi tghodd l-*impairment ratings* f’daqqa, izda billi tuza l-formula taht imsemmija. Din hi bazata fuq il-principju tal-"*whole person impairment*" u li tghaqqad flimkien id-diversi *ratings* kif modifikati, tibda bl-akbar u tahdem it-tieni fuq ir-rimanenti; u tibqa’ dejjem miexi hekk.

Dan iwassal ghall-applikazzjoni tal-formula segwenti:
Valur kombinat ta’ A u B = A + B (1 - A/100) irrontondat ghall-aktar *integer* vicin. Bl-istess mod jekk ikun hemm *impairment ratings* ohra, dawn jigu mahdumin bl-istess

sistema, u cioe` billi tapplika l-persentagg fuq ir-*remaining capacity*.

Mir-rapport mediku ta' Mr. Charles Swain u Mr. Charles Grixti tirrizulta li d-dizabilita` prezenti ta' l-attur hija ta' 17% ; u fic-cirkostanzi l-Qorti ma jidhirlix li ghandha tiddisturba tali evalwazzjoni.

***D7. Lump Sum Payment:***

L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-*lump sum payment* b'ammont ekwivalenti ghal 20% meta jkunu ghadda zmien qasir mill-event damnuz u s-sentenza finali [**Scicluna vs Meilaq** PA 16 ta' Lulju, 2001]. Fil-kawza **Caruana vs Camilleri** PA 5 ta' Ottubru, 1993 il-Qorti hasset li minn dan ghandu jonqos xi 2% ghal kull sena ta' dewmien. Gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza:

"jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-*lump sum deduction*" – **Agius vs Fenech** 29 ta' Ottubru, 2003. "

Fil-kawza **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004 is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi **Spiteri vs Zammit Tabona** App Civ Sup 16-Mar-1999 u **Caruana A vs Camilleri** App Civ Sup 27-Frar-2004, minhabba li ghaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% gie mnaqqas ukoll fil-kawza **Galea vs Piscopo** PA 3-Ott-2003, 5% f'**Scicluna vs Meilaq** PA 16-Lul-2001 u 0% fil-kawzi **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999 meta ghaddew 15-il sena, f'**Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005 meta ghaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana** Kum 20-Apr-1990 meta ghaddew 19-il sena.

Izda ghall-kaz in ezami l-incident gara fl-2007 u s-sentenza qed tinghata sitt snin wara. Fil-fehma tal-Qorti jrid ikun hemm tnaqqis ta' 14%.

***D8. Kunsiderazzjonijiet ohra:***

Kunsiderazzjonijiet ohra ta' dan it-tip ta' kawzi bhal kuncett tal-konsum personali, u tad-*dependency issue* ma humiex applikabbli ghal dan il-kaz.

***<u>D9. Likwidazzjoni ta' l-ammont ta' lucrum cessans:</u>***

Ghalhekk il-Qorti trid issa tillikwida l-ammont dovut.

I. Il-<u>qligh medju annwali</u> ta' l-attur [€7466.29] <u>inkluz l-gholi tal-hajja</u> jammonta ghal €12,478.66.

II. Irid jitqies <u>*multiplier*</u> ta' 33. Dan igib l-ammont ta' €411795.78;

III. il-Qorti trid tqis il-<u>grad ta' disabilita`</u> li f'dan il-kaz hu ta' 17% u ghalhekk jammonta ghal €70,00528;

IV. wara jrid jitnaqqas 14% tal-<u>*lump sum payment*</u> u dan iwassal ghal bilanc ta' €60,204.54;

***<u>D10. Damnum emergens:</u>***

Illi dwar id-damnum emergens gew ezebit l-ircevuti medici a fol 15 tal-process liema rcevuti jammontaw ghal **€557.83c;**

Ghalhekk meta tghodd l-ammont dovut bhala *Lucrum Cessans* ma' dak dovut bhala *Damnum Emergens*, dan iwassal ghall-ammont ta' €60,762.37.

Dan kollu jista' jigi facilitat permezz ta' uzu ta' "*Excel"* billi tintuza l-formola hawn taht:

| | | |
|---|---|---|
| Basic pay | B | 7466.29 |
| Multiplier | M | 33 |
| Lump sum payment | L | 14 |
| Dizabilita` | D | 17% |
| Gholi tal-hajja | G | 303.78 |
| | | |
| Amount due | | €60,762.37 |
| | | |

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti kif inghad fuq ssib li l-htija u responsabbilta` ta' l-incident *de quo* hija li r-rikorrent ikkontribwixxa ghall-incident in ezami b'mod li talloka r-responsabbilta` tar-rikorrenti fi 25% u dik ta' l-intimata f'75%. Ghalhekk tichad l-eccezzjonijiet ta' l-intimata hlief dawk relativi ghall-kontributorjeta` tar-rikorrenti.

Tiddeciedi u tiddikjara li l-intimata kienet responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fil-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Lulju 2007, ghal 75% u ghad-danni li b’konsegwenza ta’ l-istess incident ir-rikorrent garrab debilita` permanenti.

Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent *qua damnum emergens* u *lucrum cessans* b’konsegwenza ta’ l-istess incident €45571.77. Tikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrent is-somma hekk kif likwidata ta’ €45571.77 in linea ta’ danni.

Spejjez ¾ ghall-intimata u ¼ ghar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------